MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 169/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi fis-16 ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta il-partijiet izzewgu fil-Knisja ta' San Gorg Hal Qormi, Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok MC1;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom lil minuri Omissis li twieled fil-31 ta’ Jannar 2004, Certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok MC2;

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b’difett serju dwar il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal parti biex jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-attrici qed tipprezenta din il-kawza sabiex titlob li dan iz-zwieg iccelebrat fit-23 ta’ Marzu 2000 jigi ddikjarat null u minghajr effett ai termini ta’ l-Artiklu 19(1)(c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta’ Awissu 2003 u dan ai termini tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez, filwaqt li l-konvenut huwa minn issa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha ai termini tad-digriet tal-10 ta’ Gunju, 2005 jiddikjara:

1. huwa ma pprezentax kawza ghall-annullament taz-zwieg quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku u sal-lum ma rcieva l-ebda notifika li l-attrici pprezentat tali kawza.

2. l-esponenti jaqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi, pero' dan minhabba htijiet imputabbli lill-attrici u mhux lill-konvenut, hekk kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici u ta' B, Omissis u Omissis.

Rat l-affidavits ta' Omissis, Omissis, Omissis u Omissis.

Rat l-affidavit ta' Omissis

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Awwissu, 2003 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu qabel mat-talba attrici izda qed jghid illi z-zwieg ghandu jkun dikjarat null ghal ragunijet imputabbli lill-attrici, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti… Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor.*

*Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dak li japplika ghall-ammissjoni japplika ghalhekk *multo magis* ghall-kaz fejn il-konvenut jibqa' kontumaci ghaliex hu ben stabbilit fl-ordinament guridiku procedurali taghna li l-kontumacja hija kontestazzjoni u mhux ammissjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – jekk il-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'qerq fuq il-kwalita tal-parti l-ohra li jkun jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Mill-provi mressqa mill-attrici jirrizulta li din titfa' hafna mit-tort ghall-falliment taz-zwieg ghall-fatt illi l-konvenut kellu biss dsatax-il sena meta zzewweg fil-waqt li hi kellha sitta u ghoxrin sena. Tghid li l-konvenut kellu problema ta' alkoholizmu qabel ma zzewgu izda hi ma kinitx taf; minhabba f'hekk ommu kienet spiss iccemplilha izda qatt ma qaltilha x'kienet il-problema. A fol 14 tghid car u tond; *Jien ma kontx naf li Bkellu l-vizzju tax-xorb... Wara z-zwieg sirt naf li kien imur jixrob wara li jitlaq minn hdejja u ghalhekk ommu kienet toqghod iccempel u ticcekkja fejn qieghed ghax kienet taf bil-problema u ma qaltlix.* Ghal dak li qalet fir-rigward ta' x'gara wara z-zwieg il-Qorti ma thossx li huwa rilevanti ghaliex semmai jindikaw kawzali ghal separazzjoni u mhux ghal annullament, hlief li jindikaw li l-konvenut kellu wkoll mumenti fejn kien vjolenti.

Jirrzulta wkoll li l-attrici kienet tqila qabel iz-zwieg u dan seta' imbotta l-partijiet biex jizzewgu. L-affidavits l-ohra esebiti mill-attrici jsostnu, ftit jew wisq, dak li qalet l-attrici.

Minn naha l-ohra omm il-konveut Omissis titfa' t-tort fuq l-attrici u tghid li hija kellha ghagla biex tizzewweg lill-konvenut ghalkemm hija kienet skonsiljat dan minhabba d-differenza fl-eta' bejn il-partijiet. Il-Qorti jidrilha li l-provi mressqa mill-attrici huma konvincenti bizzejjed ghall-fini tal-kawza u li l-konvenut kien ghadu zghir wisq biex jidhol ghal pass hekk importanti; forsi l-attrici zbaljat illi ghagglet biex tiehu l-pass ghaliex fil-waqt li hi kienet f'affarijiet ohra matura bizzejjed il-konvenut kien certament immatur.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-16 ta' Awwissu, 2003. L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------